MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1658/1999/1

**Joe Briffa, Saviour Cassar, u Alfred Consiglio**

**Vs**

**Onorevoli Michael Bonnici u Joseph Zahra Editur tal-Gurnal**
**In-Nazzjon**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi premettew illi huma kienu jikkomponu l-Bord tal-Ghazla tal-Maltacom plc dwar il-promozzjonijiet wara l-hrug tal-Human Resources Circular numru 50/98;

Premess illi wara li numru ta’ kandidati li ma ntghazlux ghal post ta’ Technical Executive, ghamlu appell, kif normalment isir skond il-Ftehim Kollettiv tal-impjegati tal-Maltacom, lill-Bord tal-Appelli, dan il-Bord hareg Rapport fil-15 ta’ Mejju 1999, li fih mar ultra vires il-funzjonijiet propriji tieghu, u ghamel allegazzjonijiet infondati u kummenti azzardati dwar l-operat tal-atturi ;

U premess li l-Ministru responsabbli mill-Maltacom plc ghaggel accetta l-allegazzjonijiet infondati u l-kummenti azzardati tal-Bord tal-Appelli, u pubblikament kabbarhom u sfrutthom, kif ghamlu esponenti tal-Gvern, u gurnali li jappoggjaw lill-Gvern;

U premess li l-atturi kienu kostretti jaghmlu Protest Guidizzjarju fit-12 ta’ Lulju, 1999, li fih gabu a konjizjoni tal-protestati l-fatt tal-allegazzjonijiet infondati kummenti azzardati tal-Bord tal-Appell, kif ukoll iddiffidaw lill-protestati milli jkomplu jirrepetuhom, u dan kollu kien irrapportat fil-gurnal, inkluz “In-Nazzjon”;

U premess illi nonostante dan, il-konvenut editur ta’ “In-Nazzjon”, fil-harga tas-17 ta’ Lulju, 1999, f’pagna 11, ippubblika artiklu miktub mill-konvenut Onorevoli Michael Bonnici, bis-sub-titolu “L-iskandlu tal-promozzjonijiet fil-Maltacom”, li fieh hemm irrepetuti allegazzjonijiet li l-Bord tal-Ghazla kellu “kull isem li kellu promoss ghal din il-kariga kien immarkat bl-ahmar “ apparti li l-artiklu kollu huwa ingurjuz fil-konfront tal-atturi, u iwaqqghalhom giehhom f’ghajnejn il-pubbliku u peress li ghalhekk il-kitba tal-artiklu imsemmi, u l-pubblikazzjoni tieghu, jintitolaw lill-atturi ghar-risarciment tad-danni skond il-ligi tal-istampa ;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tiddikjara li l-artiklu intitolat “Gustizzja jew ingustizzja”, bis-subtitolu “L-iskandlu tal-promozzjonijiet fil-Maltacom” miktub mill-konvenut Onorevoli Michael Bonnici, u ippubblikat mill-konvenut editur fil-pagna 11 tal-harga ta’ “In-Nazzjon”, tas-17 ta’ Lulju, 1999, jimmalafama u jingurja lill-atturi;

2. tillikwida d-danni, kkagunati mill-kitba ingurjuza, skond il-ligi tal-istampa, li ma ikunz aktar minn hamest elef lira, li l-atturi huma intitolati ghalihom ; u

3. tikkundanna lil kull wiehed mill-konvenuti ihallsu lil kull wiehed mill-atturi dawk l-ammonti li jigu likwidati ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 10 tal-process fejn eccepixxu :

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-kontenut tal-artiklu in kwistjoni jammonta ghall-'fair comment' bazat fuq fatti sostanzjalment korretti u dwar materja ta' interess pubbliku.

Rat id-digriet taghha a fol;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**FATTI**

Fil-qosor li gara kien li gie appuntat Bord tal-Ghazla, (Selection Board) li kellu jipprocessa applikazzjonijiet ghal post ta' *technical executive* mal- Maltacom. Wara li gie pubblikat ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla, numru ta' persuni li kienu applikaw, u li ma kienux intghazlu, appellaw minn dana r-rapport. Il-Bord ta' l-Appelli, semgha l-appelli, u ghamel rapport fejn sab li kienu gew kommessi rregolaritajiet fil-procedura tal-Bord tal-Ghazla. Minhabba f'hekk kienet saret inkjesta mmexxija mill-ex Imhallef V.

Caruana Colombo li fir-rapport tieghu wiegeb ghal domandi specifici li kienu sarulu (ara rapport a fol. 19 et seq). Bejn meta hareg ir-rapport tal-Bord ta’ l-Appelli u l-inkjesta, kien inkiteb l-artikolu fin-Nazzjon (ara fol. 6) li l-atturi qed joggezzjonaw ghalih.

**KONTESTAZZJONI**

Il-konvenuti qed jikkontendu l-artiklu in kwistjoni jammonta ghall-‘*fair comment’* bazat fuq fatti sostanzjalment korretti u dwar materja ta’ nteress pubbliku.

L-atturi qed jissottometu li l-konvenuti ma ppruvawx il-verita’ tal-fatti allegati u ghalhekk il-kummenti taghhom fl-artikolu inkriminanti fuq dawn il-fatti mhux pruvati ma jistghux jikkostitwixxu “*fair comment*”. Meta l-konvenuti ppubblikaw l-artikolu inkriminat fis-17 ta’ Lulju, 1999 huma kienu jafu li fl-10 ta’ Lulju, 1999 kienet ser issir inkjesta indipendenti u anke kienu jaf li huma cjoe l-atturi kienu ghamlu protest fit-13 ta’ Lulju, 1999 (ara fol. 228) fejn cahdu l-allegazzjonijiet maghmula mill-Bord ta’ l-Appelli tal-Maltacom. Fil-fatt, skond l-atturi, l-inkjesta kienet tathom ragun billi kienet smentit l-allegazzjonijiet tal-Bord ta’ l-Appelli.

Minn naha taghhom il-konvenuti qed jissottomettu li huma kienu kkummentaw fuq fatti kif kienu jafuhom fis-17 ta’ Lulju, 1999 u kellhom dritt anzi l-obbligu li jikkummentaw fuq l-irregolaritajiet imsemmija fl-artikolu. Il-kontenut ta’ l-artikolu gie sussegwentement vindikat minn 82 sentenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzja kontra l-Maltacom li f’kull kaz irrizulta li kienet saret ingustizzja fil-promozzjonijiet u swew lill erarju pubbliku Lm259,992. Inoltre l-gurisprudenza tistabbilixxi latitudine tal-kritika dwar soggetti pubblici.

**LIGI**

Gurisprudenza ricenti (tal-Qorti Ewropeja) wessghet sensibilment l-arja ta' legittimita' tad-dritt ta' espressjoni kif dik kienet delimitata mill-ligijiet u gurisprudenza ta' dawn

il-Qrati, specjalment ghal dawk li huma d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-Istampa. Hi qieset f'liema kazijiet il-Qorti "*ghandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll azzardata entro i termini accettati tad-decenza permissibili f'socjeta' demokratika".* Il-principji li ghandhom liberament jigu applikati huwa f'dawk il-kazijiet fejn:

1. Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta' pubblika;

2. Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika;

3. Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Biex tirnexxi din l-eccezzjoni ta' *fair comment* jrid ikollha bhala l-bazi ta' kull kritika u kumment il-fatti fatt li jkunu sostanzjalment veri.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-artikolu inkriminat intitolat Gustizzja jew ingustizzja l-konvenut Michael Bonnici kien kiteb, wara li qara r-rapport tal-Bord ta' l-Appelli (ara principalment il-partijiet *highlighted*) li r-rizultati hargu fi zmien qasir qabel l-elezzjoni tal-1998. Hu qal li kien jidher bic-car li l-Bord tal-Ghazla kellu quddiemu applikanti mill-Maltacom fejn kull isem li kellu promoss ghall din il-kariga kien immarkat bl-ahmar. Ir-rapport hu ta' l-akbar skandlu. Hu tefa t-tort fost l-ohrajn fuq il-Bord tal-Ghazla u qal li dawn in-nies haqqhom l-akbar kastig ta' passi dixxiplinari, anki tkeccija mis-servizz. Hu semma dawn ir-rizultati bhala "oskuri" u "hnizrijiet" "mod maghmug ta' promozzjonijiet".

Fil-Qorti huwa spjega li l-kitba tieghu kienet bazata fuq dak li semma fl-istqarrija tieghu l-Ministru Joseph Bonnici fil-Parlament fil-5 ta' Lulju, 1999 liema stqarrija kienet inharget bhala reazzjoni wara r-rapport tal-Bord ta' l-

Appelli. Il-konvenut kiteb li kienu rrizultaw hnizrijiet u affarijiet tal-misthija u diskors simili kien wkoll deher fi-diversi gazzetti ohra. Il-kliem uzat kien jinkludi aggettivi li uza l-Ministru izda li kien ghamilhom tieghu personali.

L-atturi qed joggezzjonaw ghal dan id-diskors billi huma qed jippretendu li l-konvenuti kellhom jistennew l-ezitu tal-inkjesta immexxija mill-ex Imhallef Caruana Colombo li skond huma kien skolpahom.

Ghal precizjoni ghandu jinghad li r-rizultat ta’ l-inkjesta ma kienx ezattament dak li qed jippretendu li kien l-atturi. Fil-fatt l-ex imhallef kien inghata *terms of reference* b’domandi specifici u l-inkjesta wiegbet ghad domandi li sarulha (ara rapport a fol. 19).

Il-Bord ta’ l-Appelli kien sab li s-*selection board* kien mexa b’certa ghaggla u mhux b’mod professjonali. Il-*complaints* principali ta’ minn appella kienu dwar il-qosor tal-*interviews* u kif inghataw il-marki. Ir-rapport kien jghid ukoll li ntaghzlu nies li ma kienux intitolati jew elegibbli biex japplikaw u kien hemm nies ohra li m’applikawx jew thallew barra. Skond il- Bord ta’ l-Appelli il-kriterji li kien stabbilixxa l-Bord ta’ l-Ghazla ma kienux gew applikati fil-konfront ta’ kulhadd bl-istess mod.

Il-konvenut Bonnici qed jissottometti li fl-artikolu hu kiteb li l-*promotion exercise* minn dan il-bord kien wiehed ivvizzjat. Il-mod kif waslu ghad decizjonijiet il-Bord tal-Ghazla kien wiehed ivvizzjat u ddeskrivih bhala skandlu. Kienu ttiehdu decizjonijiet zbaljati li wasslu ghal diffikultajiet u anke spiza ghall kumpanija biex issewwi l-hsara li saret.

L-atturi qed jirritjenu li meta nkiteb l-artikolu l-konvenuti kienu jafu li kienet ser issir inkjesta u li l-atturi kienu ghamlu protest fejn cahdu l-allegazzjonijjiet maghmula kontra taghhom mill-Bord ta’ l-Appelli.

Il-konvenuti irrispondew lil huwa kitbu fuq fatti kif kienu jafuhom fis-17 ta’ Lulju, 1999 u ma kellhomx ghafejn joqghodu jistennew l-ezitu tal-inkjesta.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal kaz ta' Bladet Tromso and Stensaas vs Norway Application No. 21980/93 deciz fl-20 ta' Mejju, 1990 mill-Qorti Ewropjea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'liema kawza tqajjem punt simili. Il-Qorti Ewropeja wara li kienet tenniet l-obbligu li wiehed jivverifika l-fatti, qalet li f'dak il-kaz kollox kien jiddependi minn kemm kien ta' minn joqghod fuq ir-rapport ta' Lindberg. Hi kienet waslet ghall konkluzzjoni li dak ir-rapport kien affidabbli u "*the press should normally be entitled, when contributing to public debate on matters of legitimate concern, to rely on the contents of official reports without having to undertake independent research. Otherwise, the vital public- watchdog role of the press may be undermined.*

U kompliet tghid: *Admittedly the newspaper was already aware from the reactions of Mr. Lindberg's statements that the crew disputed his competence and the truth of any allegations.*

*However, it also depended on the extent to which the Bladet Tromso could reasonably regard the Lindberg report as reliable with respect to the allegations in question, in the light of the situation as it presented itself to the newspaper at the material time rather than with the benefit of hindsight, on the basis of the findings of fact made by the Commission of Inquiry a long time thereafter*.

Fil-kaz in ezami l-konvenut Bonnici kien qed jirreagixxi ghall rapport tal-Bord ta' l-Appelli li kien sab irregolaritajiet fl-ghazla li ghamel. Id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli kienet wahda ufficjali u finali tant li Il-Bord tad-Diretturi tal-Maltacom kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni taghhom u dana skond il-*Collective Agreement*. Inoltre l-konvenut Bonnici kien qed jibbaza l-kritika tieghu fuq l-istqarrija tal-Ministru koncernat u sahansitra uza l-istess aggettivi li uza l-istess ministru u ghamilhom tieghu.

Il-konvenut Bonnici ghalhekk kien intitolat li jaghmel il-kritika li ghamel f'dak l-istadju fuq materja ta' interess

pubbliku meta sar maghruf ir-rizultat ta' Bord ta' l-Appelli. Hu hass li kellhu jitkeb kontra ngustizzja li skond il-Bord rrizulta li saret u ma ppretendiex li ghax ghamel hekk ghandu jaqla' libel.

Kif gja inghad f'certi kazijiet il-Qorti "ghandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll azzardata entro i termini accettati tad-decenza permissibili f'socjeta' demokratika". Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz intuza kliem iebes izda fic-cirkostanzi thoss li fuq materjal ta' interess pubbliku l-kritika li saret kienet permessibbli. Ta' minn jirrileva li fl-artikolu l-konvenut Bonnici ma jsemmiex nies bl-ismijiet izda biss s-*selection board*. Skond il-ligi dawn il-persuni huma facilment identifikabbli izda jibqa' l-fatt li anke fil-kritika tieghu l-konvenut ghazel li ma jmurx oltre milli jsemmi s-*selection board*.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba ta' l-atturi
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------